MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 694/2012

**Amabile Tabone**

**-vs-**

**Santumas Shareholdings plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta’ Lulju 2012 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi permezz ta’ rikors tal- 4 ta’ Lulju, 2012 is-soċjeta’ intimata talbet lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ żgumbrament (957/12JM) kontra l-esponenti mill-arti fil-limiti ta’ Marsaskala, San Tommaso, parti mill-promotorju bejn Marsaskala Bay u Saint Thomas Bay kif aħjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona datat il-21 ta’ Ottubru, 1965 u dan in esekuzzjoni ta’ sentenza fl-ismijiet premesssi deċiża fis-26 ta’ Mejju

2011 (Rik 465/2009JA), liema rikors ġie milqugħ mill-istess Qorti u l-iżgumbrament iffissat għal nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2012;

Illi in effetti wara s-sentenza *de quo* – in segwitu ta' trattattivi li kienu nbdew qabel il-pronunzjament tas-sentenza f'diversi dati fil-bini tal-Qorti – il-partijiet kienu ftiehmu verbalment fil-preżenza tal-avukati rispettivi illi l-esponenti jieħdu l-art imsemmija b'titolu ta' kommodat taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

a. illi juża l-art hu u hu biss sakemm hu jiġi nieqes jew sakemm jinħarġu l-permessi għall-iżvilupp liem minnhom tiġi l-ewwel;

b. illi jieħu ħsieb din l-art a spejjeż tiegħu *entro* t-tul tal-kommodat.

Illi *nonostante* ċjoe' s-soċjeta' intimata għażlet li, inspjegabbilment, tintavola r-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament kontra l-esponenti bi ksur sfaċċat tal-kuntratt ta' kommodat li ġie konkluż bejn il-partijiet bil-preżenza tal-avukati rispettivi;

Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara lir-rikorrenti jivvanta titolu ta' kommodat fuq l-art fil-limiti ta' Marsaskala, San Tommaso, parti mill-promotorju bejn Marsaskala Bay u Saint Thomas Bay kif aħjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar John Micallef Trigona datat il-21 ta' Ottubru 1965;

2. Tħassar u tannulla l-effetti kollha tal-mandat ta' żgumbrament 957/12JM.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' konvenuta ppreżentata fit- 18 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra Amabile Tabone billi mhux minnu li sar il-ftehim kif allegat minn Amabile Tabone. Ma sar ebda ftehim. Illi waqt il-kawża kienet pendenti l-avukat ta' Amabile Tabone kien issuġġerixxa li jsir ftehim iżda qatt ma sar ftehim u fl-aħħar ingħata sentenza fejn ġie ddikjarat li Amabile Tabone kien qed jokkupa l-art mingħajr titolu.

Illi Santumas Shareholdings plc hija kumpanija pubblika u ċertament li la l-avukat ta' Santumas f'dawn il-proċeduri u lanqas Michael Formosa Gauci huma awtoriżżati li jidħlu f'kuntratt ta' kommodat jew ftehim ieħor mingħajr approvazzjoni tal-Bord.

Illi dan huwa xejn ħlief tentattiv ieħor biex il-Tabone ikompli jokkupa l-art ta' Santumas Shareholdings plc mingħajr titolu u mingħajr ma iħallas xejn. Illi kieku kien hemm xi tranżazzjoni dan kien jiġi verbalizzat waqt il-kawża. Ingħatat sentenza ta' żgumbrament fis-26 ta' Mejju 2011 billi l-intimat kien qed jokkupa mingħajr titolu u hija kontra sens li wara s-soċjeta' Santumas Shareholdings plc tagħmel kawża a bażi tal-fatt li Tabone kien qed jokkupa mingħajr titolu l-istess Tabone jingħata titolu ta' kommodat fil-mori tal-kawża.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 t'April 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawża ma tippreżentax diffikultajiet kbar. L-attur qed isostni li sar ftehim li permezz tiegħu s-soċjeta'

konvenuta aċċettat li huwa jibqa' jokkupa l-fond in kwistjoni wara li ngħatat sentenza li permezz tagħha ġie ordnat jiżgombra.

Illi huwa ċar li t-talba attriċi m'għandhiex tiġi akkolta; il-Qorti ma taċċettax li l-verżjoni tal-attur hija verosimili u f'kull każ, kif sewwa eċċepiet is-soċjeta' konvenuta ħadd ma kien awtorizzat jidher f'isimha biex isir il-ftehim allegat minnu.

**DEĊIŻJONI**
**Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------